MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1504/1998/1

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurata taghha il-Libyan Popular Office u b'nota tat-30 ta' Mejju 2000 il-Kumpanija Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal & Sun Alliance Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha il-Libyan Popular Office qed tassumi l-atti**

**Vs**

**Carmel Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi dikjarat li hu responsabbli ghall-kollizjoni li grat fis-16 ta’ Frar 1998 f’Gharghur Road, Birkirkara, tort tal-konvenut bejn il-karozza Hyundai Numru CDB 125 misjuqa minn Ali Tamini u assikurata mal-kumpanija attrici u l-karozza Toyota Numru FAH 069 mijusqa mill-konvenut u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m’ghandux ikun ghalhekk kundannat ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ mitejn tlieta u ghoxrin lira Maltin disgha u sebghin centezmi (Lm223.79) danni kagonati mill-konvenut bhala konsegwenza tal-istess kollizjoni, liema danni gew sborsati mill-kumpanija attrici taht il-polza.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Lulju 1998 kif ukoll tal-ittra uficajli kontestwali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta’ 8% mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali tal-10 ta’ Lulju 1998. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa (fol 11 tal-atti).

1. Illi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex kompetenza ratione valoris billi s-sorte tal-odjerna kawza taqa’ taht il-kompetenza tat-Tribunal inferjuri ghal din l-istanza.

2. Illi fil-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident meritu tal-kawza gara unikament minhabba t-tort u traskuragni tas-sewwieq tal-vettura assikurata mis-socjeta’ attrici u cioe’ Ali Tamini.

3. Illi f’kull kaz, dina l-Onorabbli Qorti ma gietx mitluba tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici b’mod illi t-tieni talba ghall-kundanna tal-hlas ma tistax tigi milqugha.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk ghandu jinghad li l-partijiet involuti f'dan il-kaz, waqt is-smiegh tieghu ma ghamlu ebda referenza ghall-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi l-meritu tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-meritu, s-socjeta attrici nomine ma pproducietx lil Ali Tamini, li kien qed jsuq il-vettura appartenenti lill-assikurat taghha u li kienet tal-marka 'Hyundai Stellar' bin-numru CDB 125.

Illi l-istess socjeta attrici nomine effettivament, ipproduciet lil:

a) Joseph Mula (fol 16 et seq ibid) li ikkonferma li l-assikurat tas-socjeta attrici nomine kien gie risarcit ghad-danni kollha waqt li esebixxa ilkoll il-kontijiet u l-ircevuti relattivi, in sostenn tal-istess talba kif ukoll is-'survey report' li sar fuq l-imsemmija vettura.
b) PS 833 Francis Seychell (fol 35 et seq ibid) li esebixxa kopja tal-iskizz u tar-rapport, mghamulin minnu stess, wara li kien mar fuq il-post tal-incident. Dan ix-xhud, fix-xhieda tieghu semma' li dan l-incident gara fin-nizla li minn Tal-Balal tinzel ghal Birkirkara u fejn hemm 'a blind corner' u liema triq hi minghajr linja medjana. Mill-iskizz imsemmi (fol 38) jidher li l-imsemmija karozza tinsab fil-bidu ta' liwja fit-triq, presumibilment l-imsemmi 'blind corner' u wara l-istess vettura hemm zewg sinjali ta' 'brakes' li jinsabu fuq 'the proper side of the road' vis-à-vis l-istess vettura, li tidher li ghandha hsara fuq il-fanal tal-lemin ta' quddiem. Fuq ix-xellug ta' din il-vettura, hemm dik misjuqa mill-konvenut bi hsara fuq il-genb tal-lemin. Dwar dak li qalu s-sewwieqa involuti lill-istess xhud, kif jidher a fol 40, dawn, semplicement, kienu qalu li kienu qed jsuqu f'Triq il-Gharghur lejn Birkirkara u vice-versa, minghajr ebda kumment ulterjuri da parti taghhom waqt li jinsab verbalizzat illi ma kien gie riskontrat l-ebda ksur ta' xi regolament tat-traffiku.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> meta xehed (fol 55 et seq ibid) spjega li kien qed isuq mid-direzzjoni ta' l-hekk imsejjah, 'By pass' ta' Birkirkara meta wasal fl-ewwel liwja fit-triq, hu kien sema' hoss ta' 'brake' li kien qed jinghafas u kien ra karozza 'gejja ghal fuqi'. Minhabba hekk, hu gibed lejn il-hajt fuq ix-xellug tieghu izda avolja kien ghamel din l-'evasive action' l-vettura tieghu ntlaqtet fuq il-bieba tal-lemin waqt li laqat, ukoll, l-istess hajt. Kif hareg mill-karozza tieghu wara l-habta, s-sewwieq l-iehor kien ser jhossu hazin fuqu u semma' li dan '… kellu riha qawwija ta' 'Whisky' waqt li qal lill-konvenut li kien gej minn 'party' u skuza ruhu. Dwar l-iskizz imsemmi, l-konvenut ma kienx qabel mieghu peress li t-triq in kwistjoni minn fejn kien gej hu kienet aktar dejqa minn kif murija u peress li l-karozza l-ohra waqfet aktar l-isfel. Inoltre, fil-kontro esami, hu ma kienx qabel ukoll, mat-tul tal-imsemmija marki ta' 'brakes' (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Daniel Briffa</u>, it-tifel tal-konvenut a fol 58 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi kif esposti ghandhom jigu sottolineati is-segwenti:

a) Mill-iskizz imsemmi l-unika prova indipendenti mill-partijiet involuti, jidher car li l-vettura appartenenti lill-assikurat tas-socjeta attrici, kienet "<u>on the proper side of the road</u>' meta grat il-habta in esami. Dan hu evidenzjat mill-'brake marks' immedjatament wara l-istess vettura u kif murija fuq l-istess skizz. Bhala konsegwenza ta' dan il-fatt, ma hemm ebda dubbju li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet <u>oltre l-linja medjana immaginarja</u>, lejn il-lemin taghha u b'hekk ikkagunat dan l-incident.
b) Il-konvenut fix-xhieda tieghu u ghall-ewwel darba, semma' li s-sewwieq tal-vettura tal-istess assikurat kellu riha qawwija ta' xorb alkoholiku u, filfatt, kemm il-konvenut kemm ibnu Daniel, xehdu li l-istess sewwieq hassu hazin fuq il-post tal-incident billi beda jirrimetti. Pero' PS 833 Frances Seychell, fl-ebda hin ma semma' dan, il-punt u,

difatti, fir-rapport nizzel li, f'dan il-kaz, ma ra' ebda ksur tar-regolamenti tat-traffiku waqt li bl-ebda mod ma sar xi accenn fl-imsemmi rapport ghal dan il-punt. Dwar dan il-Qorti ma tistax tara kif dan seta' ma giex innotatat mill-Ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz. Ta' minn jghid, ukoll, li ma jidhirx li l-konvenut gibed l-attenzjoni dwar l-istess punt tal-istess Pulizija, kif jirrizulta mid-'Drivers Statement' verbalizzat a fol 40 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, mill-provi prodotti jidher li r-responsabilta ta' dan l-incident ghandha tigi akkolata 'in toto' lill-konvenut waqt li jinghad ukoll li l-'quantum' ta' danni pretizi ma giex kontestat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami,
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm223.79,0;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm223.79,0 bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-10 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju 1998 u tat-3 ta' Awissu 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------